DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/367/PESK

tad-9 ta' Lulju 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/389/PESK [1]. Dik id-Deċiżjoni tiskadi fil-15 ta' Lulju 2014.

(2) L-ammont attwali ta' referenza finanzjarja jkopri l-perijodu mis-16 ta' Lulju 2012 sal-15 ta' Lulju 2013.

(3) Id-Deċiżjoni 2012/389/PESK għandha tiġi emendata biex testendi l-perijodu kopert mill-ammont ta' referenza finanzjarja attwali sal-15 ta' Novembru 2013.

(4) Il-missjoni ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif imniżżel fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 13 (1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK hu sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata ma' EUCAP NESTOR għall-ewwel 16-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun EUR 22 880 000. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

R. ŠADŽIUS

[1] ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40.